MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 75/2007

**Emanuel Scerri u Mark Scerri**

**vs.**

**Anthony Borg, Glenn Borg u Damian Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 ta' Marzu, tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimati fuq inikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jghidu ghaliex ma ghandkomx, prevja kull dikjarazzjoni, li kull ftehim ezistenti bejn il-kontendenti huwa xolt u minghajr effett, u jigu, jew min minnhom, ikkundannati jhallsu u jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' erbat elef u mitejn Lira Maltin, (Lm4,200.00),

rapprezentanti prezz ta' vettura tal-marka Rover, li r-rikorrenti xtraw minghandhom jew min minnhom, bin-numru tal-pjanca LCI 552, u dan billi wkoll jiehdu lura din il-vettura, stante li rrizulta li din il-vettura ma kienitx tal-kwalita` pattwita, peress li ghandha makna ta' Rover 200VI, meta inxtrat bil-patt li ghanha makna ta' Honda, u/jew di piu`, din il-vettura kienet effetta minn difetti latenti kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, u li kieku r-rikorrenti kienu jafu b' dan kollu ma kienux jakkwistawha u jixtruha minghandhom jew min minnhom;

2. Bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjez inkluzi dawk tad-depozitu tal-vettura in kwistjoni taht l-awtorita` ta' din il-qorti, li qieghed isir kontestwalment b' cedola, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji kollha li qedghdin jigu prezentati kontestwalment mal-prezenti;

3. Bl-ispejjez u bl-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' Glenn u Damian Borg datata l-15 ta' Mejju, tas-sena 2007, li permezz taghha dawn irrispondew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-intimati m' ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Emanuel Scerri stante li l-vettura in kwistjoni nbieghat lir-rikorrenti Mark Scerri;

2. Illi subordinatament u fil-mertu, id-domandi tar-rikorrenti Emanuel Scerri et huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li mhuwiex minnu li l-vettura mibjugha u kkonsenjata lilhom jew min minnhom mill-intimati ma kienitx skond il-kwalita` pattwita kif qed jigi allegat, dan kollu kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat ir-risposta ta' Anthony Borg datata t-13 ta' Novembru, tas-sena 2007, li permezz taghha irrisponda s-segwenti:

1. Illi l-esponenti qatt ma biegh l-ebda vettura lill-Emanuel Scerri u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tar-rikorrenti Emanuel u Mark Scerri tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi meta r-rikorrenti Mark Scerri wera l-interess tieghu li jixtri vettura w informa b' dan lill-mekkaniku tieghu certu Gordon Camilleri, dan gibidlu l-attenzjoni li kien hemm vettura tal-marka Rover – il-vettura mertu tal-kaz odjern – li setghet tinteressah;

2. Illi peress li r-rikorrenti Mark Scerri jsostni li tali vettura ma kienitx tinteressah wisq ghaliex fil-passat gia` kien jippossjedi wahda, l-imsemmi mekkanik tieghu infurmah li din il-vettura kellha magna tal-marka Honda u li kienet ghadha vettura gdida mill-fabbrika tar-Rover stess;

3. Illi jirrizulta li dan il-mekkanik u r-rikorrenti msemmi fil-paragrafu precedent marru jaraw l-imsemmija vettura flimkien;

4. Illi meta pero` spezzjonaw il-magna tal-istess sabu miflok li l-magna effettivament kienet tal-marka Rover;

5. Illi wara li gew kondotti negozjati fuq il-prezz u wara li intlahaq ftehim fuq l-istess ir-rikorrenti *de quo* xtara l-karozza personalment;

6. Illi jirrizulta wkoll assodat li qabel ma gie konkretizzat il-bejgh *de quo*, l-istess rikorrent mar isuq l-istess vettura mal-mekkanik tieghu li ukoll spezzjona l-istess vettura regolarment;

7. Illi madwar gimgha wara li r-rikorrent xtara l-imsemmija vettura dan jafferma li ha l-istess vettura ghas-*service* ghand l-istess mekkanik tieghu fuq indikat;

8. Illi pero`, nonostante dan, ir-rikorrent jafferma li xahrejn wara beda jirriskontra diversi problemi;

9. Illi dawn il-problemi kienu jinkludu is-segwenti:

i. qtar tal-ilma fil-garaxx, fejn allura biddel il-pompa;
ii. hsara fit-*thermostat* fejn rizultat tal-istess il-vettura sahnet u waqfet fit-traffiku;
iii. il-*“power steering”* beda jibbies u jfaqqa;
iv. il-blokka kellha tinbidel;

10. Illi in vista tal-istess ir-rikorrenti hassew il-htiega li jinizjaw dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-intimati tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimati huma bejjiegha tal-karozzi;

2. Illi l-vettura meritu tal-procedura odjerna kienet proprjeta` tal-intimat Glenn Borg li meta ghazel li jbiegh l-istess vettura ghazel li juza s-servizzi tal-intimati l-ohra

Anthony u Damien Borg li kienu jiggestixxu n-negozju taghhom taht l-isem ta' *"Valley Auto Dealer",* ta' Triq il-Wied, Birkirkara;

3. Illi meta r-rikorrenti kienu iddecidew li jixtru l-vettura meritu tal-procedura odjerna dawn ghamlu hekk wara li regolarment spezzjonaw l-istess vettura, ippruvaw il-karozza u wara li ppruvahilhom ukoll il-mekkanik taghhom;

4. Illi kien wara madwar sebgha xhur li r-rikorrent Mark Scerri mar jinforma lill-wiehed mill-intimati li beda jirriskontra xi problemi fir-rigward ta' l-istess vettura;

5. Illi f' laqgha li saret mas-sid precedenti tal-vettura fuq indikat jirrizulta li dan esprima ruhu li kien lest isewwi l-hsarat li seta` kien hemm fl-istess vettura izda r-rikorrenti Mark Scerri irrifjuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-intimat Glenn Borg tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-imsemmi intimat kien il-proprjetarju tal-vettura meritu ta' din il-procedura u wara li ddecieda li jbiegh l-istess vettura ghazel li jipprezentha fix-"*showroom"* ta' l-intimati l-ohra li ghalkemm igibu l-istess kunjom tieghu pero` ma` jigu xejn minnhu;

2. Illi wara li r-rikorrenti raw l-istess vettura, spezzjonawha bis-supervizjoni tal-mekkanik tal-ghazla taghhom u ppruvaw l-istess vettura diversi drabi billi hargu jsuquha flimkien, ghazlu li jixtruha;

3. Illi jirrileva li nforma lir-rikorrenti li l-magna tal-vettura *de quo "... ghandha sistema bhala tal-Honda u m' hijiex magna tal-Honda"*, (ara fol. 80);

4. Illi in effetti jafferma wkoll li l-magna in dizamina *"ghandha miktub Rover kbira daqsiex"*, (ara wkoll fol. 80);

5. Illi sitt xhur wara li kien gie kristallizzat il-bejgh in diazmina r-rikorrenti Mark Scerri kien nfurmah li kienet marritlu l-pompa u xi affarijiet ohra;

6. Illi l-intimat Glenn Borg jafferma li informa lill-istess rikorrenti li nonostante li kienu ghaddew it-tlett (3) xhur ta' garanzija pattwiti, xorta ried jarah kuntent u informah li kien dispost isewwilu l-hsarat riskontrati;

7. Illi pero` jidher li r-rikorrenti irrifjutaw din l-offerta u insistew li l-vettura *de quo* kellha tigi sostitwita;

8. Illi skont l-istess intimat il-problemi riskontrati fil-vettura in dizamina kienu biss ikkagunati mill-uzu komuni tal-istess;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li meta r-rikorrenti ghazlu li jixtru l-vettura in dizamina dawn ghamlu dan b' mod diligenti billi:

1. Hadu maghhom persuna teknika istruwita f' din is-sengha;

2. Spezzjonaw il-vettura xjentifikament permezz ta' persuna professjonali f' dan il-qasam;

3. Ippruvaw il-vettura diversi drabi, (ara fol. 80);

Illi jirrizulta wkoll, u dan minn relazzjoni *ex parte* ipprezentata *in atti*, li peress li f' dak il-perijodu meta il-vettura nxtrat mir-rikorrenti din kellha l-licenzja taghha skaduta, allura ittiehdet mill-istess rikorrenti ghat-test obbligatorju tal-VRT u wara li giet ezaminata, prezumibilment b' mod skrupoluz, ghaddiet mill-istess ezami;

Ikkunsidrat:

Illi allura, nonostante il-hsarat sussegwentement riskontrati jirrizulta li din il-vettura kienet giet moghdija lis-sid il-gdid – ir-rikorrenti- fi stat tajjeb li tista` tinstaq fit-toroq minghajr ma tkun ta' perikolu ghal hadd;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, l-ezamijiet preventivi kondotti mir-rikorrenti u mill-mekkanik ta' fiducja taghhom mhux biss jezimu lill-intimati minn xi responsabbilita` ghall-difetti latenti allegati, izda jitfghu l-oneru kollu fuq l-istess rikorrenti ghaliex kienu huma stess ukoll li ccertifikaw il-vijabilita` tal-istess vettura;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji r-risposti kollha tal-intimati, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------